# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Jannar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **180/2016**

**GO P.L.C**
[REG. NRU. C-22334]

***VERSUS***

**MELANIE PACE LUPI** [K.I. NRU. 182688M] **U B'DIGRIET TA' L-4 TA' MEJJU, 2017, GIE MAHTUR DR. BENJAMIN VALENZIA BHALA KURATUR DEPUTAT BIEX JIRRAPREZENTA LIL MELANIE PACE LUPI**

B'Avviz tat-Talba introdott fit-18 ta' Mejju, 2016, is-socjetà attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' hames mija, hamsa u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€555.12c) in konnessjoni ma' *Bundle Service Agreement (Home Pack*) liema servizzi huma migbura fil-kont bin-numru 40199455 u ghalkemm il-konvenuta giet interpellata biex tissalda tali ammont l-istess baqghet inadempjenti, hekk kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez marbuta ma' dawn il-proceduri gudizzjarji u kif ukoll dawk marbuta ma' ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar, 2016 (bin-numru 43/2016), bl-imghaxxijiet legali dekorribbli mit-12 ta' Jannar, 2016 sad-data tal-hlas effettiv u finali.

Il-Kuratur Deputat appuntat u mahtur biex jirraprezenta l-interessi tal-konvenuta ressaq Risposta fis-7 ta' Dicembru, 2017 (*a fol*. 38) fejn eccepixxa hekk:

1. Illi hu mhux edott mill-fatti;
2. Jitlob illi jinghata l-ahhar indirizz maghruf tal-assenti u dettalji ohra sabiex ikun jista' jikkuntattjaha;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sussegwentement, il-Kuratur Deputat talab[1] li jigi permess iressaq eccezzjonijiet ulterjuri liema talba giet akkolta waqt l-udjenza tal-25 ta' April, 2018[2] u fi-4 ta' Mejju, 2018 l-istess Kuratur Deputat ressaq Risposta[3] b'dawn l-eccezzjonijiet ulterjuri:

1. Il-kuratur deputat jichad it-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt;
2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif dedotta hija intempestiva kif ser jigi ppruvat u ghaldaqstant l-assenti m'ghandhiex tehel spejjez;
3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hlas reklamat mhuwiex dovut u/jew mhuwiex dovut *in toto* kif ser jigi ppruvat.

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 133) u t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali intieri u kif ukoll tas-sottomissjonijiet bil-fomm tad-difensuri tal-kontendenti[4] u fl-imsemmija udjenza tas-27 ta' Gunju, 2019 il-procediment odjern thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi pronunzjata llum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali;

It-Tribunal jikkunsidra;

Il-fatti ta' dan il-kaz, fis-semplicità taghhom, jistghu jigu deskritti hekk: bejn il-konvenuta u l-kumpannija attrici kien gie ffirmat kuntratt fis-6 ta' Gunju, 2012 bir-referenza numru P1587961576 bl-isem ta' «Bundle Service Agreement Home Pack Silver Interactive»[5] ghal perjodu ta' sentejn permezz ta' liema l-konvenuta inghatat diversi servizzi migbura f'*Bundle* wiehed. Ftit xhur qabel l-iskadenza ta' dan il-kuntratt, senjatament f'Mejju, 2014[6], jidher illi l-attrici ikkomunikat lill-konvenuta li tali kuntratt kien wasal biex jiskadi u li l-*Bundle* relattiv kien ser jghaddi minn *upgrade* u talbitha tikkomunika mal-attrici halli tghidilha jekk kinitx ser izzomm il-*Home Pack* kif kien jew le. Fin-nuqqas, l-attrici kienet ser

---

[1] Rikors tal-21 ta' Marzu, 2018 (*a fol*. 43).

[2] Il-verbal relattiv jghid *inter alia* hekk: "*Dr. Keith Grech ha konjizzjoni seduta stante tar-rikors tal-Kuratur Deputat datat 21 ta' Marzu, 2018 u rtira kopja tal-istess mill-process. Dwar it-talba misjuba f' tali rikors, Dr. Keith Grech jirrimetti ruhu. Wara li sema' spjegazzjoni ulterjuri tal-Kuratur Deputat dwar ir-rikors tieghu tal-21 ta' Marzu, 2018, it-Tribunal jilqa' t-talba tal-Kuratur Deputat sabiex iressaq Risposta b' eccezzjonijiet ulterjuri, liema Risposta ghandha titressaq mhux aktar tard minn ghaxart ijiem mil-llum b'notifika tal-istess lill-kontroparti u/jew bil-visto tad-difensur taghha*." (*a fol*. 47).

[3] *a fol*. 48.

[4] Ara traskrizzjonijiet relattivi *a foll*. 134–137.

[5] Kopja ezibita *a fol*. 4.

[6] Ara kopja ta' l-ittra *a fol*. 90.

tikkancella l-imsemmi kuntratt u taqlibha fuq ir-rata ta' hlas tal-*Bundle* l-gdid. F'dak iz-zmien, il-konvenuta kienet imsiefra tistudja barra minn Malta u kienet inkarigat lill-missierha sabiex jiehu hsieb din il-kwistjoni. Ghalkemm, missierha prova jindirizza l-kwistjoni, jidher li ma rnexxilux u allura l-kont fl-ammont ta' hames mija, hamsa u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€555.12c) baqa' pendenti jsejjah lill-konvenuta.

Ikun opportun li f'dan l-istadju tinghata t-tifsira fattwali skond kif narrat minn missier il-konvenuta[7]:

**(a)** Il-konventa kienet tikri apartament fil-Gharghur[8] u kien abbonat ghas-servizz ta' *Home Pack* mas-socjetà attrici bir-rata ta' *circa* €38.00c fix-xahar.[9]

**(b)** Dak iz-zmien il-konvenuta kienet tistudja barra minn Malta izda zammet tali appartament ghax kienet intenzjonata tirritorna lura Malta wara li tispicca l-istudji taghha.[10] F'April-Mejju, 2014 l-attrici avzat lill-konvenuta li l-kuntratt l-antik minnha kontrattat kien ser jigi terminat ghax is-sistema kienet ser tghaddi minn *upgrade* u jekk l-attrici ma kienet ser tircievi xejn mill-konvenuta billi tghidilhom li kienet ser izzomm il-*Home Pack* kif kien, l-attrici kienet ser tikkancella l-imsemmi kuntratt u taqlibha fuq il-hlas tas-sistema l-gdida.[11]

**(c)** Missier il-konvenuta, George Pace, kif jaf b'dan kollu ghax hu kien jiehu hsieb il-posta ghan-nom ta' bintu.[12]

**(d)** Missierha avvicina lill-attrici biex jgharrafhom li hi kienet intenzjonata zzomm il-*Home Pack* taht is-sistema l-antika u ma tibdel xejn, izda infurmawh li kien jehtieg prokura minghand bintu sabiex ikun jista' jaghmel it-talba ghan-nom taghha.[13]

**(e)** Missier il-konvenuta jghid li l-attrici ghaddietlu xi dokument (formola *pro forma*[14]) sabiex timtela minn bintu u hu bghatha lil bintu biex timliha u terga' tibghatha lura Malta lill-missierha, debitament mimlija u ffirmata.[15]

**(f)** Sadanittant kien lahaq wasal Lulju, 2014 u l-kont tal-konvenuta kien bit-tariffa l-gdida li kienet ghola minn dik l-antika (i.e., kienet *circa* €48.00c fix-xahar).[16] Sa dak il-mument id-dokument *pro forma*, ossia prokura, ma

[7] Xhieda tieghu ta' l-4 ta' Ottubru, 2018 (*a foll*. 51–58) u dik tat-23 ta' Ottubru, 2018 (*a foll*. 60–66 *tergo*).
[8] *a tergo* ta' *fol*. 51.
[9] *a fol*. 52.
[10] *a fol*. 52.
[11] *a fol*. 52.
[12] *a fol*. 52 u *a tergo* ta' *fol*. 52.
[13] *a tergo* ta' *fol*. 52.
[14] Ara *email a fol*. 69 u formola 'pro forma' *a fol*. 70.
[15] *a tergo* ta' *fol*. 52.
[16] *a fol*. 53.

kienx ghadu fil-pussess ta' missier il-konvenuta ghax l-istess konvenuta ma kinitx baghtitielu.[17]

**(g)** Sussegwentement, ghall-habta ta' Ottubru, 2014 il-missier ircieva d-dokument *pro forma*, ossia prokura,[18] izda meta mar biha ghand l-attrici gie infurmat li t-*time window* ta' l-istess prokura kienet lahqet skadiet.[19] Ghall-bidu missier il-konvenuta sostna li l-kopja relattiva ta' tali prokura ma inghatatx lil-attrici izda inzammet minnu,[20] izda meta rega' xehed[21] sostna li ma kellux kopja ta' tali prokura ghax l-kopja ffirmata kienet inghatat lill-attrici u hu ma kienx zamm kopja.[22]

**(h)** Imbaghad, ghax l-appartament tal-Gharghur kien ser jigi rilaxxjat mill-konvenuta (i.e., kienet ser ittemm il-kirja tieghu ghall-habta ta' Settembru, 2014[23]), missierha talab lill-attrici biex is-servizz tal-*Home Pack* jigi maqlub fuq l-indirizz tieghu, izda gie infurmat li ghal tali *transfer* kien hemm htiega tal-firma ta' bintu.[24]

**(i)** Safrattant il-konvenuta baqghet tircievi l-kontijiet u meta missierha rega' mar ikellem lill-addetti ta' l-attrici dawn infurmawh li ma setghux jikkancellaw is-servizz jekk l-apparat ma jigix ritornat lura lill-attrici.[25]

**(j)** Il-missier sab l-apparat fl-appartament tal-Gharghur (appartat kif gie stivat go garaxx ghax il-kirja kienet intemmet) u f'Marzu, 2015 ha l-istess apparat f'*outlet* ta' l-attrici f'Santa Venera[26] u meta kien hemm, filwaqt li l-apparat gie accettat u mizmum mill-attrici[27] – gharrfuh li qabel jigi kancellat ghal kollox is-servizz, il-kont pendenti kellu jigi l-ewwel saldat.[28]

**(k)** Wara missier il-konvenuta ircieva ittra legali mis-socjetà attrici,[29] illi prezumibilment hija l-ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar, 2016.[30]

**(l)** Missier il-konvenuta jghid li bintu tigi visti hawn Malta u li f'Awwissu, 2018 kienet l-ahhar li zaret Malta.[31] Qabel tali data jghid li bintu kienet hawn fis-Sajf tas-sena 2015, fis-Sajf tas-sena 2016 u fis-Sajf tas-sena 2017.[32] Id-durata tal-vista taghha hawn Malta kienet tkun ta' gimgha jew anke ta'

---

17 *a fol*. 53.
18 *a fol*. 53 u *a tergo* ta' *fol*. 53.
19 *a fol*. 53. Ghalkemm giet ezibita minnu kopja informali mhux mimlija tal-prokura (*a fol*. 70) li minnha ma jirrizulta minn imkien li hemm indikat xi spazju fejn kellu jitnizzel id-durata tal-validità taghha.
20 *a fol*. 54.
21 Fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2018.
22 *a fol*. 60.
23 Ara *a fol*. 68.
24 *a fol*. 55.
25 *a fol*. 55.
26 *a fol*. 85.
27 *a tergo* ta' *fol*. 55. Ara wkoll *a fol*. 94.
28 *a tergo* ta' *fol*. 55.
29 *a tergo* ta' *fol*. 55.
30 *a foll*. 6–7.
31 *a tergo* ta' *fol*. 57.
32 *a tergo* ta' *fol*. 57.

gimghatejn.[33] Skond il-missier, bintu l-konvenuta kienet giet ukoll Malta f'Marzu, 2014 ghall Festi ta' l-Ghid.[34]

**(m)** Missier il-konvenut jghid li cempel diversi drabi lis-socjetà attrici izda fizikament qatt ma mar jitkellem *in persona* dwar il-kwistjoni.[35] Jikkonferma mill-gdid li hu xtaq li s-servizz idur minn fuq l-indirizz ta' bintu ghal fuq l-indirizz tieghu (izda li s-servizz jibqa' jsejjah lill-bintu)[36] u li t-talba tieghu f'dan is-sens sehhet ghall-habta ta' Lulju, 2014.[37]

**(n)** Missier il-konvenuta jghid li ghalkemm bintu kienet zaret Malta bejn l-2014 u l-2018 hi ma kinitx marret direttament ghand is-socjetà attrici biex tipprova tirrizolvi l-kwistjoni izda dejjem iddelegat fuqu ghax hu kien jiehu hsieb hwejjigha hawn Malta.[38] Ghalkemm meta kienet tkun Malta missierha kien jirriferilha l-problematika mas-socjetà attrici dwar l-imsemmi servizz, bintu kienet tghidlu biex jiehu hsiebha hu stess.[39]

**(o)** Missier il-konvenut kien bghat ittra registrata lill-attrici datata 2 ta' Marzu, 2017 u dan wara li kienu bdew l-odjerni proceduri. F'tali ittra missier il-konvenuta spjega l-grajja kif evolviet bil-ghan li jispjega ahjar is-sitwazzjoni. Fost diversi hwejjeg, kiteb hekk: "*Melanie had in the meantime graduated with a BA Hons Fashion Design and was lucky enough to find full time employment with one of the prominent Fashion Houses based in London. She could not find employment in Malta as there was nothing in this line available. She was now renting an apartment in London and was already thinking of letting go of her rental in Gharghur as she obviously could not afford both. She was very difficult to contact as her job took her to Paris and New York to attend the various Fashion Shows. It is a very stressful job and she could hardly find time to sleep let alone worry about the GO plc (self inflicted) situation in Malta.*" (*a fol*. 67).

Da parti ta' l-attrici, apparti l-kontro-ezami lil George Pace[40], tressqu dawn il-provi:

**(i)** Kopja ta' l-*Application Form* bejn il-partijiet datata 6 ta' Gunju, 2012[41] u kopja ta' prospett li jikkontjeni l-i*statements* tal-kontijiet dovuti mill-konvenuta fl-ammont ta' €555.12c;[42]

---

[33] *a fol*. 58.
[34] *a fol*. 62.
[35] *a tergo* ta' *fol*. 62 u *a fol*. 63.
[36] *a tergo* ta' *fol*. 65.
[37] *a fol*. 63.
[38] *a fol*. 66.
[39] *a tergo* ta' *fol*. 66.
[40] Li sehh fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2018.
[41] *a fol*. 4.

**(ii)** Affidavit tas-17 ta' Mejju, 2016 ta' Charmaine Wiffen, ufficjal mad-Dipartiment tal-*Credit Control* fi hdan il-kumpannija attrici, fejn sempliciment ikkonfermat li l-konvenuta kellha pendenza fl-ammont ta' €555.12c fir-rigward tal-kont bin-numru 40199455;[43]

**(iii)** Ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar, 2016 (bin-numru 43/2016) kontra l-konvenuta, liema ittra ma gietx notifikata lill-istess konvenuta, u li fiha hemm esposta l-pretiza tal-kumpannija attrici dwar il-hlas ta' l-ammont ta' €555.12c;[44]

**(iv)** Waqt l-udjenza tas-17 ta' Jannar, 2018, Maryanne Camilleri, in rapprezentanza tal-kumpannija attrici, iddikjarat hekk: "*Dehret Maryanne Camilleri in rapprezentanza tas-Socjeta' Attrici illi bil-gurament taghha iddikjarat illi l-ammont mitlub f' dawn il-proceduri ghadu dovut lill-Attrici u li mill-ftuh ta' dawn il-proceduri sad-data odjerna ma twettaq l-ebda pagament mill-Konvenuta Melanie Pace Lupi. L-istess xhud ikkonfermat bil-gurament id-dokumentazzjoni annessa mal-att promotur, liema dokumentazzjoni tirrigwardja l-ammont reklamat mill-Attrici minghand il-Konvenuta*.";[45]

**(v)** Waqt l-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2019 l-istess Maryanne Camilleri, Credit Control Officer fi hdan il-kumpannija attrici xehdet brevement fejn prezentat numru ta' dokumenti, ossia:

- Ittra datata 2 ta' Mejju, 2014 li biha l-attrici kienet bghatet tgharraf lill-konvenuta li l-kuntratt tal-2012 kien wasal u li "*Is-servizz tal-Home Pack li inti abbonat ghalih bhalissa m'ghadux iktar disponibbli fis-suq*" u ghalhekk gie rakkomandat biex il-konvenuta tabbona ghal "*wiehed mill-pakketti l-godda tal-Limitless Home Pack sa 19.06/2014.*" Fiha hemm twissija illi, "*Jekk ahna ma nisimghux minghandek sa din id-data, ahna ser inkomplu noffrulek is-servizz b'rati separate ghat-TV, it-Telefown u l-Internet*" u li "*Jekk inti ma tixtieqx tabbona ghal Limitless Home Pack jew izzomm is-servizz tat-telefown, Internet jew TV, tista' zzur wiehed mill-hwienet taghna sabiex twaqqaf is-servizz tal-Home Pack minghajr penali*."[46]
- Il-*General Terms and Conditions* marbuta mal-kuntratt li abbonat ghalih il-konvenuta fl-2012;[47]
- It-*Termination Form* datata 18 ta' Marzu, 2015;[48]

---

[42] *a foll*. 2–3.
[43] *a fol*. 7.
[44] *a fol*. 6.
[45] *a fol*. 40.
[46] *a fol*. 90.
[47] *a foll*. 92–93.
[48] *a fol*. 94.

- Kopja tal-kontijiet pendenti;[49]

It-Tribunal jikkunsidra;

Fis-sustanza tieghu, dan il-kaz ma jitrattax kontestazzjoni ta' kont li jidher gholi meta fil-verità kellu jkun baxx u lanqas m'hu wiehed in kontestazzjoni ta' xi kont li ghandu zball jew zvista fil-komputazzjoni relattiva. Lil hinn minn dak eccepit, il-kontestazzjoni vera u proprja tal-konvenuta hi dwar il-fatt li l-attrici ma waqqfitx is-servizz meta domandata taghmel dan da parti tal-mandatarju tal-konvenuta (i.e., missierha).

Mill-assjem tal-provi, ikollu jigi mistqarr li kien doveruz ghall-konvenuta li torganizza ruhha sew u b'mod idoneju halli, sakemm hi tkun lil hinn mill-gzejjer Maltin biex tistudja barra, hi tiehu hsieb hwejjigha hawn Malta, tirregola xi pendenzi li setgha kellha f'dik l-epoka u idonjament tiddelega dan il-kompitu lil terzi. Ghalkemm mill-provi jirrizulta li l-konvenuta ppruvat taghmel dan, u halliet f'idejn missierha (li jidher li ttenta jindirizza l-kwistjoni kif seta'), xorta wahda l-istess ma inghalqitx.

Mill-provi migjuba lil dan it-Tribunal ma jidhirx li s-sitwazzjoni kienet dovuta ghal xi burokrazija zejda fil-mekkanizmi amministrattivi tas-socjetà attrici, izda sempliciment ghax il-konvenuta, tramite missierha, ma adegwawx ruhhom appozitament di fronti ghas-sitwazzjoni u ma fornewx lill-attrici (jew fornew tard) certu dokumenti mehtiega u b'mod tempestiv halli l-kwistjoni tigi indirizzata, radrizzata u/jew rizolta *at source*.

Indubbjament bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kontrattwali u ghalhekk kien hemm numru ta' doveri, obbligi u responsabbilitajiet li kellhom jigu rispettati. Sabiex jinghalaq servizz jew biex l-istess jigi konvertit minn persuna ghal ohra jew biex l-istess jibqa' fuq l-istess konsumatur izda jigi mibdul l-indirizz, is-socjetà attrici thaddan certu mekkanizmi u *policies*. Fid-dawl ta' tali *policies* u mekkanizmi, il-konvenuta kellha l-kompitu semplici li ssegwihom u jekk hi ghazlet li tinkariga lil haddiehor (i.e., lil missierha), entrambi l-mandant u l-mandatarju kienu fid-dmir li jottempraw ruhhom ma' tali mekkanizmi u/jew *policies*.

Certament ma jistax jinghad li l-konvenuta agixxiex b'debita diligenza f'din il-vertenza, u dan ghaliex:

---

[49] *a foll.* 95–131.

**(a)** fl-ewwel lok, il-konvenuta damet biex timla u tibghat il-prokura *pro forma* lil missierha. Jidher li wara li ghall-habta ta’ April-Mejju tas-sena 2014, meta missier il-konvenuta baghat kopja ta’ prokura *pro forma* lill-bintu, sa Lulju ta’ l-istess sena l-istess prokura kienet ghadha ma intbatitx lura u din waslet biss f’idejn missierha ghall-habta ta’ Ottubru tas-sena 2014. Ghalhekk, ghal madwar hames xhur kien hemm inerzja u passività da parti tal-konvenuta. Wiehed ghandu jassumi li kieku tali prokura debitament imtliet u waslet ghand missierha qabel, is-sitwazzjoni kienet titranga, izda xejn minn dan ma jidher li sehh;

**(b)** fit-tieni lok, dwar din il-kwistjoni tal-prokura *pro forma*, ghall-bidu missier il-konvenuta sostna li l-kopja relattiva ta’ tali prokura ma inghatatx lill-attrici izda inzammet minnu ghax l-attrici ma accettathiex ghax kienet lahqet skadiet, izda meta rega’ xehed sostna li ma kellux kopja ta’ tali prokura ghax il-kopja ffirmata (i.e., l-originali) kienet inghatat lill-addetti ta’ l-attrici u hu ma kienx zamm kopja. Ghalhekk, filli l-prokura ma gietx accettata mill-attrici ghax mhux kunsidrata aktar valida u filli giet accettata izda xorta ma sehh xejn. Hi x’inhi l-verità dwar dan l-aspett, jekk il-validità tal-prokura kienet lahqet skadiet, it-Tribunal ma jarax ghalfejn il-konvenuta ma setghetx terga’ tohrog prokura ohra *de novo* lil missierha sabiex terga’ tigi sottomessa. F’epoka digitali li ninsabu fiha llum-il gurnata, it-Tribunal jaraha alkwantu anomala kif il-konvenuta ma mlietx kopja tal-prokura u bghatitha b’*email* lill-missierha jew direttament lis-socjetà attrici. Inoltre, kif diga’ rimarkat aktar kmieni, fil-kopja tal-prokura *pro forma*, m’hemm imkien indikat fiha li l-validità taghha kienet soggetta ghal xi terminu ta’ skadenza kif sostna missier il-konvenuta;

**(c)** fit-tielet lok, u lil hinn mil-fattur tal-prokura jew le, harget bhala fatt li l-konvenuta kienet tkun Malta f’certu perjodi tas-sena. Iz-zjarat taghha ma kinux ta’ ftit granet izda kienu zjarat ta’ minimu ta’ gimgha. F’tali jiem hawn Malta, il-konvenuta certament kienet fid-dmir li tiehu hsieb hwejjigha direttament billi zzur xi *outlet* tas-socjetà attrici bil-ghan li titkellem dwar u tipprova tirrizolvi l-kwistjoni. Madanakollu, kif sostna missierha stess fuq domandi tat-Tribunal, meta kienet tkun hawn Malta u hu kien jaggornaha dwar is-sitwazzjoni, hi kienet semplicement tghidlu “*look after it!*”[50] Fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, il-prudenza u diligenza fl-affarijiet proprji kienu jitolbu hafna izjed mill-konvenuta;

**(d)** fl-ahhar lok, u abbinat mal-punt appena maghmul *supra*, ma tistax tghaddi inosservata r-rimarka maghmula minn missier il-konvenuta stess meta fl-ittra tat-2 ta’ Marzu, 2017, ghan-nom ta’ bintu, kiteb illi bintu ma kellhiex cans tahseb fuq “*the GO plc (self inflicted) situation in Malta.*” F’tali frazi hemm rikonoxximent implicitu li bintu gabet din is-sitwazzjoni b’idejha stess.

---

[50] *a tergo* ta’ *fol*. 66.

Għalhekk, kollox jindika certa passività u certu grad ta' leggerezza da parti tal-konvenuta milli adegwatament u tempestivament tieħu ħsieb ħwejjigħa. Il-konvenuta kellha l-mezzi kollha a disposizzjoni u kif ukoll kellha kull opportunità u okkazzjoni sabiex meta tkun Malta tiddedika almenu ftit sigħat biex tirrisolvi din is-sitwazzjoni. Madanakollu, hi għażlet li tħalli lill-missierha jieħu ħsieb u sempliciment tibgħat ftit *emails* lill-attrici fejn staqsiet x'kienet il-problema.[51] F'tali xenarju, il-konvenuta ma tista' tgħid xejn ħlief "imputet sibi"[52] jekk il-ġrajja tħalliet tipperdura u tevolvi sal-punt li effettivament waslet fih.

Bi twegiba għal certu sottomissjonijiet u argument mwettqa fl-aħħar mill-Kuratur Deputat dwar jekk certu klawsoli kuntrattwali jilledux jew le il-jeddijiet tal-konsumatur, it-Tribunal, b'self mill-ġurisprudenza domestika, jirrimarka illi: "*Kemm-il darba jingħad li Noti ta' Osservazzjonijiet m'għandhomx iservu la biex jissupplementaw provi li jmissħom ikunu tressqu fl-istadju xieraq tas-smigħ tal-kawża u lanqas biex joħolqu kontestazzjonijiet jew linji difensjonali godda li ma jkunux ġew dibattuti qabel*" (**Josef Farrugia v. Christopher Carabott et**, Prim'Awla, 29 ta' Mejju, 2008) u illi, "*argumenti u raġjonamenti legali dedotti f'nota ta' osservazzjonijiet, u mhux bħala eccezzjonijiet formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqishom bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp procedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti attrici, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralc mhux awtorizzat fuq il-proceduri in corso*" (**Anthony Cristina pro et noe v. Eleonora Mizzi et**, Appell Civili, 27 ta' Marzu, 2003).

Għalhekk, dan it-Tribunal mhux ser jaddentra ruħu f'tali kweziti stante li m'hemm l-ebda linja difensjonali formali f'dan is-sens. Jekk il-konvenuta tħoss li kellha jew għad għandha tikkontesta tali materji u kweziti, hi għandha tippersegwi l-passi li tara necessarji jew opportuni f'dan ir-rigward. Iżda f'din il-vertenza, tali materji u tali kweziti jmorru lil hinn minn dak specifikatament domandat u minn dak espressament eccepit. F'dan l-isfond, it-Tribunal jirreferi għad-decizjoni recenti tiegħu *in re* **Perit Charles Azzopardi et v. Brian Zarb Adami** (Tribunal Għal Talbiet Żgħar, 13 ta' Jannar, 2020), fejn fiha ingħad appropożitu hekk: "*Għalkemm huwa minnu li dan it-Tribunal hu fakoltizzat jiddeciedi abbażi ta' ġustizzja ekwitattiva in virtù ta' l-Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, linji difensjonali ta' parti huma aspett purament ta' indoli procedurali li fihom l-ekwità m'għandha l-ebda valur jew saħħa. Kif jagħżel jimposta l-kawża parti u kif jiddeciedi jiddefendi ruħu l-avversarju huma aspetti illi fihom ma jistax jintrometti*

[51] *a foll*. 76–78.
[52] «Imputet sibi» è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza italiana, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi.

*ruhu t-Tribunal u l-poter diskrezzjonali ta' l-ekwità vestita f'dan it-Tribunal ma jistax ibiddel, jimmodifika, jissupera, jirridimensjona, jfassal de novo jew jiskonvolgi l-imsemmija aspetti ritwali u procedurali. Salv dejjem il-kwistjonijiet t'ordni pubbliku, fl-appena msemmija aspetti, il-partijiet ghandhom privilegg kwazi assolut ta' kif jitfasslu. Ommissjoni f'tali zewg aspetti, jew wiehed minnhom, – jekk mhux debitament indirizzata skond dak li jghidu u jridu t-tlett sub-incizi ta' l-Art. 7 tal-L.S. 380.01*[53] *– ma jistax jigi kolmat mit-Tribunal b'impuls proprju*."

Qabel l-gheluq, it-Tribunal jirreferi ghall-eccezzjonijiet kollha tal-Kuratur Deputat. L-ewwel eccezzjonijiet tieghu (migbura fir-Risposta datata 7 ta' Dicembru, 2017) m'huma ta' l-ebda konsegwenza peress li l-istess ma jqanqlu l-ebda difiza vera u proprja ghall-kaz in specie. Madanakollu, ghalkemm fit-tieni Risposta tal-4 ta' Mejju, 2018 hemm is-sembjanza ta' eccezzjonijiet guridici (senjatament dik ta' intempestività), il-linja difensjonali intrapriza fil-kors tal-kawza u l-provi minnu avvanzati ma jiccentraw xejn ma' tali eccezzjoni/jiet. Il-korollarju huwa li eccezzjoni *in vacuo* bla ebda riskontri probatorji jew li mhux in sintonija mal-provi ghar-rigward ma tistax tintlaqa', ghaliex kif maghruf, "reus in excipiendo fit actor".[54] Ghalhekk, hekk kif inghad fid-decizjoni *in re* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation**, (Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005), "*tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi.*" (ara wkoll, ghal kull bwon fini, *in re* **Perit Carmel Mifsud Borg v. Kurt Farrugia**, Appell Inferjuri, 11 ta' Dicembru, 2009; u *in re* **F. Advertising Limited v. Simon Attard et**, Appell Inferjuri, 21 ta' Mejju, 2010).

---

[53] Art.7.(1) jghid hekk: "*Kull parti tista' waqt l-ewwel seduta titlob lill-Ġudikatur jawtorizza kull tibdil fil-kontenut ta' xi talba, kontro-talba, risposta, risposta għal kontro-talba, jew att ieħor li jkun ġie preżentat minn dik il-parti*." Art. 7(2) jghid hekk: "*Jekk il-Ġudikatur iqis dik it-talba bħala waħda ġustifikata u raġonevoli, huwa għandu waqt dik l-istess seduta jordna lir-Reġistratur li jagħmel it-tibdil meħtieġ. Ma għandhom jitħallew isiru ebda tibdiliet oħra*." L-Art. 7(3) jghid hekk: "*Jekk il-Ġudikatur jilqa' t-talba ta' xi parti li tibdel xi ħaġa f'talba, kontro-talba, risposta jew f'xi att ieħor, huwa għandu jara li fl-istess seduta l-partijiet l-oħra jingħataw l-opportunità li huma wkoll jitolbu xi tibdiliet fit-talba, kontro-talba, risposta jew risposta għal kontro-talba tagħhom minħabba fit-tibdiliet li jkunu ġew aċċettati mill-Ġudikatur skond is-subregola (2).*" Dwar tali disposizzjoni wiehed hu mistieden jara l-provvediment ta' dan it-Tribunal *in re* **Ivan Vella v. Joseph Pitre et** moghti fil-11 ta' Lulju, 2019.

[54] "*L'espressione indica che, in ordine alle eccezioni, il convenuto assume la posizione di attore. Ciò vuol dire che il convenuto il quale sollevi un'eccezione, ha l'onere di provare i fatti posti a fondamento dell'eccezione stessa*" (*cfr*. **FEDERICO DEL GIUDICE**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "reus in excipiendo fit actor", p.287). Ara wkoll **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; vuci: "reus in excepione actor est", p.347). Mix-xena domestika, fost numerevoli decizjonijiet, ara dik *in re* **Joseph Tonna v. Philip Azzopardi** (Appell Inferjuri, 12 ta' April, 2007) sostniet hekk: "*ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu ('actori incumbit probatio'), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur ('reus in excipiendo fit actor')*."

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-Kuratur Deputat bhala mhux meritevoli t'akkoljiment, qed jilqa' t-talba tas-socjetà attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess attrici s-somma ta' hames mija, hamsa u hamsin ewro u tnax-il centezmu (€555.12c) kif domandat fl-Avviz tat-Talba, bl-imghaxxijiet bir-rata ta' 8% fuq l-imsemmi ammont dekorribbli mit-18 ta' Mejju, 2016 (data tal-prezenti sejha gudizzjarja) sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri u kif ukoll dawk marbuta ma' ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar, 2016 (bin-numru 43/2016), huma kollha a karigu tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*